Nru./No. 21,082
Prezz/Price
€8.82

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 7 ta' Lulju, 2023
Friday, 7th July, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 7325 - 7348
Government Notices ..... *7325 - 7348*

Avviżi tal-Pulizija ..... 7348 - 7351
Police Notices ..... *7348 - 7351*

Avviżi lill-Baħħara ..... 7351 - 7356
Notices to Mariners ..... *7351 - 7356*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 7356 - 7501
Employment Opportunities ..... *7356 - 7501*

Avviżi tal-Gvern ..... 7501 - 7504
Notices ..... *7501 - 7504*

Offerti ..... 7504 - 7508
Tenders ..... *7504 - 7508*

Avviżi tal-Qorti ..... 7508 - 7516
Court Notices ..... *7508 - 7516*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 920

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President nhar il-Ħamis, 6 ta' Lulju, 2023.

Il-Prof. Frank Bezzina ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President.

Is-7 ta' Lulju, 2023

Nru. 921

ARTIKOLU 7 TAL-ATT DWAR IR-RIKAVAT MILL-KRIMINALITÀ, KAP. 621

Ħatra tal-Bord tal-Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skond l-artikolu 7 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621, il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar lis-Sur Alfred Zammit bħala membru u r-rappreżentant tal-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja fuq il-Bord tal-Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi. Din il-ħatra hija b'effett mit-3 ta' Lulju, 2023, u hija valida għal perjodu ta' ħames (5) snin.

Is-7 ta' Lulju, 2023

Nru. 922

ARTIKOLU 9 (1) TAL-ATT DWAR DIPENDENZA FUQ ID-DROGA (TRATTAMENT MHUX PRIĠUNERIJA)

Ħatra tal-Bord Konsultattiv għall-Politika dwar l-Għoti tas-Sentenzi

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, bis-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 9 (1) tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija), il-Ministru għall-Ġustizzja ħatar dawn il-membri li ġejjin biex iservu fuq il-Bord Konsultattiv għall-Politika dwar l-Għoti tas-Sentenzi.

Chairperson
Dott. Alex Scerri Herrera

GOVERNMENT NOTICES

No. 920

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta has resumed the functions of the Office of the President on Thursday, 6th July, 2023.

Prof. Frank Bezzina has ceased to perform the function of President.

7th July, 2023

No. 921

ARTICLE 7 OF THE PROCEEDS OF CRIME ACT CAP. 621

Appointment of the Asset Recovery Bureau Board

IT is hereby notified for general information that, as per article 7 of the Proceeds of Crime Act Cap. 621, the Minister for Justice has appointed Mr Alfred Zammit as member and the representative of the Financial Intelligence Analysis Unit on the Asset Recovery Bureau Board. This appointment is effective as from 3rd July, 2023, and is valid for a period of five (5) years.

7th July, 2023

No. 922

ARTICLE 9 (1) OF THE DRUG DEPENDENCE (TREATMENT NOT IMPRISONMENT) ACT

Appointment of the Sentencing Advisory Policy Board

IT is hereby notified for general information that, in exercise of the powers vested in him by article 9 (1) of the Drug Dependence (Treatment not Imprisonment) Act, the Minister for Justice has appointed the following to form the Sentencing Advisory Policy Board.

Chairperson
Dr Alex Scerri Herrera

Membri
Dott. Doreen Parnis
Dott. Stephanie Gatt
Dott. Silvio Brincat
Dott. Martha Mifsud
Dott. Daniel Attard

Segretarju
Dott. Gabriel Farrugia

Din il-ħatra hija valida għal perjodu ta' sena (1) mill-10 ta' Ġunju, 2023.

Is-7 ta' Lulju, 2022

Members
Dr Doreen Parnis
Dr Stephanie Gatt
Dr Silvio Brincat
Dr Martha Mifsud
Dr Daniel Attard

Secretary
Dr Gabriel Farrugia

This appointment is valid for one (1) year as from 10th June, 2023.

7th July, 2022

Nru. 923

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Nicolette Vella bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Adriana Vella u dan għall-perjodu bejn it-2 ta' Lulju, 2023 u t-8 ta' Lulju, 2023.

Illum 3 ta' Lulju, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 923

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Nicolette Vella to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Adriana Vella for the period between the 2nd July, 2023 and the 8th July, 2023.

Today the 3rd July, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 924

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Emma Amato bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Pierre Cassar u dan għall-perjodu bejn it-30 ta' Ġunju, 2023 sa s-7 ta' Lulju, 2023.

Illum 4 ta' Lulju, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 924

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Emma Amato to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Pierre Cassar for the period between the 30th June, 2023 and the 7th July, 2023.

Today the 4th July, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 925

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Emily Paula Zarb bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Maria Cristina Calleja Tufigno u dan għall-perjodu bejn it-8 ta' Lulju, 2023 sal-14 ta' Lulju, 2023.

Illum 5 ta' Lulju, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 925

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Emily Paula Zarb to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Maria Cristina Calleja Tufigno for the period between the 8th July, 2023 till the 14th July, 2023.

Today the 5th July, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 926

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Daniela Aquilina bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Joseph Abela u dan għall-perjodu bejn it-28 ta' Ġunju, 2023 u l-4 ta' Lulju, 2023.

Illum 5 ta' Lulju, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

No. 926

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Daniela Aquilina to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Joseph Abela for the period between the 28th June, 2023 till the 4th July, 2023.

Today the 5th July, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 927

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili,

No. 927

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives

il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Francesca Portelli bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Sandra Grech Cordina u dan għall-perjodu bejn il-5 ta' Lulju, 2023 sal-10 ta' Lulju, 2023.

Illum 5 ta' Lulju, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Francesca Portelli to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Sandra Grech Cordina for the period between the 5th July, 2023 till the 10th July, 2023.

Today the 5th July, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 928

ĦATRA TA' AĠENT UFFIĊJAL MEDIKU EWLIENI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:

No. 928

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF MEDICAL OFFICER

THE Permanent Secretary in the Ministry for Health has approved the following acting appointment:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Is-Sur Clarence Pace	Aġent Uffiċjal Mediku Ewlieni *Acting Chief Medical Officer*	Saħħa *Health*	4.7.2023 - 14.7.2023

Is-7 ta' Lulju, 2023

7th July, 2023

Nru. 929

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

No. 929

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
7.7.2023	€56.949	€0.675

Is-7 ta' Lulju, 2023

7th July, 2023

No. 930

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

Titolu tar-Regolamenti	Regolamenti tal-2023 dwar il-Produzzjoni taż-Żejt taż-Żebbuġa (hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti")
Attività li ser tiġi regolata	Ir-Regolamenti dwar il-Produzzjoni taż-Żejt taż-Żebbuġa jipprovdu qafas legali għal-liċenzjar ta' persuni involuti fil-produzzjoni lokali taż-żejt taż-żebbuġa u r-reġistrazzjoni ta' tali produtturi taż-żejt taż-żebbuġa u koltivaturi taż-żebbuġ liċenzjati
Entità responsabbli	Id-Direttorat tal-Agrikoltura

Ir-Regolamenti dwar il-Produzzjoni taż-Żejt taż-Żebbuġa jipprovdu qafas legali għal-liċenzjar ta' persuni involuti fil-produzzjoni lokali taż-żejt taż-żebbuġa u r-reġistrazzjoni ta' tali produtturi taż-żejt taż-żebbuġa u koltivaturi taż-żebbuġ liċenzjati. Id-Direttorat tal-Agrikoltura huwa l-awtorità magħżula responsabbli għat-twaqqif ta' din il-leġiżlazzjoni u għall-kontrolli relattivi pertinenti għall-koltivaturi taż-żebbuġ u għall-produtturi taż-żejt taż-żebbuġa.

Ir-Regolamenti dwar il-Produzzjoni taż-Żejt taż-Żebbuġa (L.S. 117.34) qegħdin jiġu mħassra u sostitwiti b'dawn ir-regolamenti ġodda wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati interni u esterni prinċiparjament l-MCCAA li hija kumplimentari għall-għanijiet ta' dan il-qafas legali. Ir-Regolamenti dwar il-Produzzjoni taż-Żejt taż-Żebbuġa (L.S. 117.34) preżenti kienu ġew ippromulgati sabiex jimplimentaw ir-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea li ġejjin li jirreferu għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa u l-awtentiċità tal-proċess pertinenti għall-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tiegħu:

> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 29/2012 tat-13 ta' Jannar 2012 dwar l-istandards ta' marketing għaż-żejt taż-żebbuġa; u
>
> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2568/91 tal-11 ta' Lulju 1991 dwar il-karatteristiċi taż-żebbuġa u l-fdal ta'-żejt taż-żebbuġa u dwar il-metodi ta' analiżi rilevanti.

Ir-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea msemmija hawn fuq kienu ġew miġbura fil-Leġislazzjoni Sussidjarja preżenti li kellhom jiġu immaniġġjati minn awtorità kompetenti waħda – id-Direttorat tal- Agrikoltura.

F'dan ir-rigward, il-ħtieġa għal titjib fil-qafas regolatorju ġiet identifikata sabiex jingħażlu awtoritajiet kompetenti differenti sabiex iservu bħala l-entitajiet responsabbli għall-istadji differenti tal-implimentazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea permezz ta' sett ta' regolamenti nazzjonali għal kollox ġodda.

[1]Dawn in-noti ta' spjegazzjoni huma għall-fini ta' u skont l-Iskeda III tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

2. Sommarju u sfond

(a) Id-delineazzjoni ta' rwoli bejn l-Awtoritajiet Kompetenti sabiex tippermetti lid-dipartimenti varji jkunu aktar iffokati fuq is-servizzi mogħtija bejn partijiet differenti fil-katina ta' valur tal-ikel:

Kien hemm il-bżonn li l-awtoritajiet differenti jiddelinejaw ir-rwoli u l-għanijiet li jirregolaw il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq taż-żejt taż-żebbuġa. F'dan ir-rigward, ir-Regolamenti dwar Olive Oil (Marketing Standards) (Implementing) (L.S. 427.101) ġew ippubblikati għall-implimentazzjoni tal-istandards għat-tqegħid fis-suq pertinenti għaż-żejt taż-żebbuġa.

Madanakollu, kien hemm il-bżonn li jiġi mwaqqaf qafas regolatorju separat għar-reġistrazzjoni tal-imsaġar taż-żebbuġ u moniteraġġ tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa kif ukoll li jiġu stabbiliti b'mod ċar il-funzjonijiet, l-irwoli u r-responsabbiltajiet tal-awtorità kompetenti.

(b) Sistema ta' moniteraġġ aktar trasparenti u ġusta:

L-għan tar-regolamenti huwa li jissostitwixxu r-Regolamenti dwar il-Produzzjoni taż-Żejt taż-Żebbuġa (L.S. 117.34) preżenti bil-ħsieb li jiġi introdott mekkaniżmu ta' moniteraġġ aktar ġust fejn l-operatur jiġi nfurmat bi kwalunkwe nuqqas ta' konformità u proċedura ta' infurzar sistematika aktar ċara. Dawn id-dispożizzjonijiet jippermettu lill-partijiet interessati rilevanti li jkunu nfurmati bi kwalunkwe nuqqasijiet identifikati mill-Awtorità Kompetenti u b'hekk, jipprovdu mekkaniżmu li jippermetti lill-partijiet interessati li jkunu konformi.

(ċ) Tnaqqis fil-ħlas għal liċenzja taż-żejt taż-żebbuġa:

Id-dritt preżenti għal liċenzja għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa huwa ta' mija u għaxar euro (€110) u bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti ser jiġi mnaqqas għal ħamsa u għoxrin euro (€25), b'hekk jagħmilha aktar kompetittiva għas-settur lokali.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Ir-regolamenti jikkonsistu fi sbatax-il (17) regolament ġdid u fihom dan li ġej:

Regolament 1: Titolu u bidu fis-seħħ
Regolament 2: Tifsir
Regolament 3: Liċenzja għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa
Regolament 4: Applikazzjoni għal liċenzja
Regolament 5: Rifjut għal ħruġ jew tiġdid ta' liċenzja
Regolament 6: Reġistru tal-Koltivaturi taż-Żebbuġ u Produtturi taż-Żejt taż-Żebbuġa
Regolament 7: Dikjarazzjoni mill-koltivaturi taż-żebbuġ
Regolament 8: Dikjarazzjoni mill-produtturi taż-żejt taż-żebbuġa
Regolament 9: Rekords li għandhom jinżammu mill-produtturi taż-żejt taż-żebbuġa
Regolament 10: Kodiċijiet ta' prattika tajba
Regolament 11: Ħatra ta' uffiċjali awtorizzati
Regolament 12: Miżuri f'każ ta' irregolaritajiet u ksur

Regolament 13: Avviż ta' twissija
Regolament 14: Avviż ta' infurzar
Regolament 15: Proċeduri quddiem il-Qorti
Regolament 16: Reati u multi
Regolament 17: Tħassir u riżervi

4. Kummentarju fuq partijiet u artikoli

Ir-Regolamenti dwar il-Produzzjoni taż-Żejt taż-Żebbuġa (L.S. 117.34) preżenti għandhom jiġu mħassra u sostitwiti b'dawn ir-regolamenti prinċiparjament sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza fis-segregazzjoni bejn l-entitajiet meta tiġi għal partijiet differenti tal-katina tal-ikel fil-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa.

Ir-regolamenti jimmiraw li jistabbillixu qafas regolatorju ċar fl-istadji primarji tal-poduzzjoni li jibda mill-għalqa sa ma jasal għand il-proċessur. F'dan ir-rigward, dawn ir-regolamenti jiżguraw

mekkaniżmu ta' moniteraġġ effettiv pertinenti għall-informazzjoni fuq l-imsaġar taż-żebbuġ, il-ħsad u l-ipproċessar taż-żebbuġ li jkun ser jidħol fis-suq.

Il-qafas regolatorju li jikkonċerna l-kwalità, it-tikkettar u l-istandardizzazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa jiġi mbagħad implimentat permezz ta' qafas legali separat immaniġġjat minn awtorità kompetenti differenti (jiġifieri l-MCCAA).

Regolamenti 1-2: Fihom it-titolu u l-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti u t-tifsir tagħhom.

Regolament 3: Jistipula li l-ebda persuna ma għandha tkun involuta fil-produzzjoni lokali taż-żejt taż-żebbuġa mingħajr liċenzja u jkompli billi jistabbillixi d-dritt ta' ħamsa u għoxrin euro (€25) li għandu jitħallas ma' l-ewwel ħruġ tal-liċenzja u ma' kwalunkwe tiġdid.

Regolament 4: Jispjega l-proċess tal-applikazzjoni fir-rigward tal-ħruġ ta' liċenzja.

Regolament 5: Jispjega x'jiġri fil-każ ta' rifjut ta' ħruġ ta' liċenzja u speċifikament jindika li l-applikant jista' jissottometti appell skont l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta).

Regolament 6: Jistipula li għandu jinżamm reġistru tal-koltivaturi taż-żebbuġ u tal-produtturi taż-żejt taż-żebbuġa u li lista ta' produtturi taż-żejt taż-żebbuġa liċenzjati għandha tkun aċċessibbli għal pubbliku fuq il-websajt uffiċjali tad-Direttorat tal-Agrikoltura.

Regolamenti 7-8: Jistabbilixxu l-obbligu tal-koltivaturi taż-żebbuġ u tal-produtturi taż-żejt taż-żebbuġa sabiex jissottomettu lid-Direttur id-dikjarazzjonijiet provduti mid-Direttorat tal-Agrikoltura.

Regolament 9: Jenfasizza li l-produtturi taż-żejt taż-żebbuġa għandhom iżommu rekords tal-attivitajiet tagħhom u jindika x'tip ta' rekords u dettalji għandhom jinżammu.

Regolament 10: Jipprovdi li d-Direttur jista' joħroġ kodiċijiet ta' prattika tajba f'dak li għandu x'jaqsam ma' konformità mad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti.

Regolament 11: Jagħti lill-Ministru s-setgħa li jinnomina uffiċjali pubbliċi sabiex ikunu uffiċjali awtorizzati għall-kontroll tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa. Barra minn hekk, is-setgħat li l-imsemmija uffiċjali jistgħu jeżerċitaw huma stipulati.

Regolament 12: Jiżgura illi fejn tinsab irregolarità, id-Direttur għandu jordna bil-miktub il-waqfien tal-produzzjoni taż-zejt taż-żebbuġa.

Regolament 13: Jintroduċi proċedura ta' avviż ta' twissija li għandha tiġi applikata meta sseħħ xi irregolarità jew ksur skont dawn ir-regolamenti. Dan ir-regolament, iżda, jistipula wkoll li meta persuna tikser ir-regolament 3(1), id-Direttur għandu jimponi multa mingħajr avviż ta' twissija jew ta' infurzar.

Regolament 14: Jittratta l-avviż ta' infurzar li għandu jinħareġ meta operatur jonqos milli jikkonforma mal-istruzzjonijiet/ kondizzjonijiet ta' avviż ta' twissija.

Regolament 15: Fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati d-Direttur jew kull uffiċjal, avukat jew prokuratur legali magħżul mid-Direttur jista', minkejja kull liġi kuntrarja, iressaq l-akkuża quddiem il-Qorti, jipproduċi evidenza, iqajjem eċċezzjoniijiet jew xort'oħra jmexxi l-prosekuzzjoni.

Regolament 16: Tintroduċi lista komprensiva ta' reati u tistipula l-multi. Ir-regolament ikompli jispjega li wieħed jista' jidħol fi ftehim barra l-qorti mad-Direttur jekk iħallas il-multa. Iżda, jekk fi żmien tletin (30) jum mid-data tan-notifika, ma jħallasx il-multa, id-Direttur għandu jibda proċeduri quddiem il-Qorti.

Regolament 17: Jipprovdi għat-tħassir tar-Regolamenti dwar il-Produzzjoni taż-Żejt taż-Żebbuġa (L.S.117.34).

5. Konklużjoni

Dawn ir-regolamenti ser jiġu ppubblikati permezz ta' Avviż Legali fil-Gazzetta tal-Gvern u għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom u dan skont l-artikolu 3(2)(b) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

Għal iktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja:

L-Unità Teknika u Regolatorja

Id-Direttorat tal-Agrikoltura

Tel: 22924550 Email: (agri-inspect@gov.mt)

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni

Is-7 ta' Lulju, 2023

No. 930

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

Title of Regulations	Production of Olive Oil Regulations, 2023 (hereinafter referred to as "the regulations")
Activity to be regulated	The Production of Olive Oil Regulations provide a legal framework for the licensing of persons engaged in the local production of olive oil and the registration of such licensed olive oil producers and growers of olives.
Responsible entity	The Agriculture Directorate

The Production of Olive Oil Regulations provide a legal framework for the licensing of persons engaged in the local production of olive oil and the registration of such licensed olive oil producers and growers of olives. The Agriculture Directorate is the designated authority responsible for the setting up of this legislation and for relative controls pertinent to olive growers and olive oil producers.

The Production of Olive Oil Regulations (S.L 117.34) are being repealed and substituted by these new regulations following consultation with internal and external stakeholders namely the MCCAA which is complimentary to the purpose of this legal framework. The current Production of Olive Oil Regulations (S.L 117.34) regulations were enacted to implement the following European Union Regulations which refer to the production of olive oil and the authenticity of the process pertinent to its marketing standards:

Commission Implementing Regulation (EU) No 29/2012 of 13 January 2012 on marketing standards for olive oil; and

Commission Regulation (EEC) No 2568/91 of 11 July 1991 on the characteristics of olive oil and olive-residue oil and on the relevant methods of analysis.

The above-mentioned European Union Regulations were encapsulated in the current Production of Olive Oil Regulations (S.L 117.34) to be managed by a single competent authority – the Agriculture Directorate.

In this regard, the need for an improvement to the regulatory framework was identified to designate different competent authorities to serve as the entities responsible for the different implementation stages of these European Union Regulations by means of an altogether new set of regulations.

[1]These Explanatory Notes are for the purpose of and in accordance with article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

2. Summary and background

(a) Delineation of roles between Competent Authorities allowing the different departments to be more focused on the services given between different parties within the food value chain:

There was the need for the different authorities to delineate the roles and objectives governing the production and marketing of olive oil. In this regard, the Olive Oil (Marketing Standards) (Implementing) Regulations (S.L. 427.101) were published for the implementation of marketing standards pertinent to olive oil.

Nevertheless, there was the need to establish a separate regulatory framework for the registration of olive groves and monitoring of olive oil production as well as to establish clear functions and roles and responsibilities of the competent authority.

(b) More Transparent and fair monitoring system:

The scope of the regulations is to substitute the current Production of Olive Oil Regulations (S.L 117.34) with a view to introduce a fairer monitoring mechanism whereby the operator is informed of any non-compliances and a clearer systematic enforcement procedure. These provisions allow for the relevant stakeholders to be informed of any shortcomings identified by the Competent Authority and hence, provide a monitoring mechanism that would allow stakeholders to be aligned.

(c) Reduction in payment for olive oil licence:

The present fee for a licence to produce olive oil is that of one hundred and ten euro (€110), and by virtue of these regulations it is to be reduced to twenty-five euro (€ 25), thus making it more competitive for the local sector.

3. Overview of the structure of the instrument

The regulations consist of seventeen (17) new regulations and contain the following:

Regulation 1: Citation and commencement
Regulation 2: Interpretation
Regulation 3: Licence to produce olive oil
Regulation 4: Application for licence
Regulation 5: Refusal to issue or renew licence
Regulation 6: Register of Olive Growers and Olive Oil Producers
Regulation 7: Declaration by olive growers
Regulation 8: Declaration by olive oil producers
Regulation 9: Records to be kept by olive oil producers
Regulation 10: Codes of good practice
Regulation 11: Appointment of authorised officers
Regulation 12: Measures in case of irregularities and infringements

Regulation 13: Warning notice
Regulation 14: Enforcement notice
Regulation 15: Proceedings before the Court
Regulation 16: Offences and fines (multi)
Regulation 17: Repeal and saving

4. Commentary on parts and articles

The current Production of Olive Oil Regulations (S.L 117.34) are to be repealed and substituted by these regulations mainly to ensure clarity in the segregation between entities when it comes to the different parts of the food chain in the production of olive oil.

The regulations aim to establish a clear regulatory framework in the primary stages of production starting from the field upon arrival to the processor. In this regard, these regulations ensure an effective monitoring mechanism pertinent to data on olive groves, harvest and processing of olives for olive oil that is to enter the market.

The regulatory framework concerning the quality, labelling and standardisation of olive oil is then to be implemented through a separate legal framework managed by a different competent authority (i.e MCCAA).

Regulations 1-2: Contain the title and commencement of the regulations and the definitions thereof.

Regulation 3: Stipulates that no person shall engage in the local production of olive oil without a licence and goes on to establish the fee of twenty-five euro (€25) to be charged upon the first issue and on any renewal.

Regulation 4: Explains the application process with respect to the issuance of a licence.

Regulation 5: Explains what happens in the case of refusal of the issuance of a licence and specifically indicates that an applicant can submit an appeal in terms of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta).

Regulation 6: Stipulates that a register of olive growers and olive oil producers shall be kept and that a list of licensed producers is to be accessible to the public on the official website of the Agriculture Directorate.

Regulations 7-8: Lay down the obligation for olive growers and olive oil producers to submit to the Director the declarations provided by the Agriculture Directorate.

Regulation 9: Emphasises that olive oil producers shall keep records of their activities and indicates what type of records and details need to be maintained.

Regulation 10: Provides that the Director may issue codes best practice as regards compliance with the provisions of the regulations.

Regulation 11: Gives the Minister the power to designate public officers to be authorised officers for the control of the production of olive oil. Furthermore, the powers which the said officers may exercise are provided for.

Regulation 12: Ensures that where an irregularity is found the Director shall order in writing for the cessation of the production of olive oil.

Regulation 13: Introduces the warning notice procedure which is to be applied when any irregularity or breach in accordance with these regulations occur. This regulation, however, also stipulates that when a person breaches regulation 3(1), the Director shall impose a fine without a warning or enforcement notice.

Regulation 14: Deals with the enforcement notice which shall be issued when an operator fails to comply with the instructions/conditions of the warning notice.

Regulation 15: In the proceedings before the Court of Magistrates the Director or any officer, lawyer or legal procurator designated by the Director may, notwithstanding any law to the contrary, lay the charge before the Court, produce evidence, plead and otherwise conduct the prosecution..

Regulation 16: Introduces a comprehensive list of offences and stipulates the fines. The regulation continues to explain that an offender may enter into an out of court settlement with the Director if he pays the fine (multa). However, if within thirty (30) days from the date of service, he does not pay the fine (multa), the Director shall institute proceedings before the Court.

Regulation 17: Provides for the repeal of the Production of Olive Oil Regulations (S.L. 117.34).

5. Conclusion

These regulations will be published by means of a Legal Notice in the Government Gazette and shall come into force within two (2) months from their publication and this in accordance with article 3(2)(b) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

For further information please contact:

Technical and Regulatory Unit

Agriculture Directorate

Tel: 22924550 Email: agri-inspect@gov.mt

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement thereto. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

7th July, 2023

Nru. 931

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Artiklu 69 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent

Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni tal-Bejta tal-Fekruna fil-Bajja tal-Ġnejna

L-AWTORITÀ għall-Ambjent u r-Riżorsi qiegħda b'dan toħroġ Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni fuq is-sit kif deskritt hawn isfel skont id-dispożizzjoni tal-Artikolu 69 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent għall-iskop ta' konservazzjoni ta':

Il-Bajja tal-Ġnejna

u ż-żona tal-madwar hekk kif indikat fil-mappa tas-sit taħt Skeda I (ara l-mappa tas-sit fuq paġna 7341), aktar 'il quddiem imsejħa 'Żona ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni', minħabba li dan is-sit huwa ta' importanza ekoloġika u xjentifika u hemm bżonn ta' konservazzjoni.

Ir-regolamenti li ġejjin għandhom japplikaw:

1. Għall-fini tal-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni, il-kliem 'Awtorità'; 'konservazzjoni'; u 'persuna' għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent.

2. Iż-Żona ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni tista' tkun sorveljata kontinwament inter alia permezz ta' site post temporanju.

3. Ebda persuna m'għandha, fiż-Żona ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni, sakemm mhux bl-awtorizzazzjoni tal-Awtorità:

a) bi kwalunkwe mod, tieħu jew tipprova tieħu, tiddisturba, tikkawża ħsara jew teqred xi bajd, frieħ jew adulti tal-fkieren tal-baħar, kemm ħajjin jew mejtin;

b) tidħol jew tipprova tidħol, jew b'xi mod tassisti persuna oħra biex tidħol fiż-żona magħluqa mill-Awtorità;

c) tneħħi kull tip ta' oġġett jew parti minn, apparat u tagħmir użat sabiex tiġi magħluqa żona mill-Awtorità, jew kwalunkwe installazzjoni anċillari jew sinjali uffiċjali installati mill-Awtorità;

d) iddendel, twaħħal jew tehmeż jew tipprova ddendel, twaħħal, jew tehmeż xi oġġett fuq l-apparat u tagħmir użat sabiex tiġi magħluqa iż-żona madwar il-bejta mill-Awtorità jew, bi kwalunkwe mezz ieħor tikkomprometti jew tipprova tikkomprometti l-integrità tat-tagħmir jew apparat użat;

No. 931

ENVIRONMENT PROTECTION ACT (CAP. 549)

Article 69 of the Environment Protection Act

Ġnejna Bay Turtle Nesting Emergency Conservation Order

THE Environment and Resources Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the site as described below in accordance with Article 69 of the Environment Protection Act, for the purpose of conservation of:

Ġnejna Bay

and its surroundings as per site plan under Schedule I (see site plan on page 7341), hereinafter referred to as 'the Emergency Conservation Area', due to the ecological and scientific importance of the site and the need for conservation.

The following regulations shall apply:

1. For the purpose of the Emergency Conservation Order, the terms 'Authority'; 'conservation'; and 'person' shall have the same meaning as that defined in the Environment Protection Act.

2. The Emergency Conservation Area may be monitored continuously *inter alia* by means of a temporary site post.

3. No person shall, within the Emergency Conservation Area, unless authorised by the Authority:

a) in any way, take or attempt to take, disturb, damage or destroy any eggs, turtle hatchlings or adult marine turtle, whether alive or dead;

b) enter or attempt to enter, or in any way assist any other person to enter the area cordoned-off by the Authority;

c) remove any portion of, or object making up, the cordoning installed by the Authority or any ancillary installation or any official signage installed by the Authority;

d) hang, affix or append or attempt to hang, affix or append any object on the cordoning installed by the Authority around the nest or in any manner compromise or attempt to compromise the integrity of the cordoning;

e) tpoġġi jew tipprova tpoġġi kwalunkwe tip ta' oġġett jew materjal ieħor fiż-żona magħluqa mill-Awtorità;

f) tħalli xi annimal tagħha jew li huwa fil-kontroll tagħha jidħol jew jipprova jidħol fiż-żona magħluqa mill-Awtorità jew jagħmel ħsara lill-apparat u tagħmir installat sabiex tiġi magħluqa ż-żona;

g) tnaddaf, jew tneħħi żibel, skart jew kwalunkwe oġġett ieħor miż-żona magħluqa mill-Awtorità, sakemm mhux bl-idejn;

h) tpoġġi jew tipprova tpoġġi kwalunkwe oġġett, li fi kwalunkwe ħin bejn tlugħ ix-xemx u nżul ix-xemx, jista' jitfa' jew joħloq dell fiż-żona magħluqa mill-Awtorità;

i) tiddepożita kwalunkwe żibel, sakemm mhux fir-reċipjenti taż-żibel jew faċilitajiet oħra pprovduti għal dan il-għan;

j) issuq, timmanuvra jew tipparkja kwalunkwe vettura f'distanża ta' anqas minn għoxrin (20) metru miż-żona magħluqa mill-Awtorità;

k) tħaddem ġeneraturi li jiġġeneraw l-elettriku permess tal-fjuwil jew apparat mekkaniku ieħor li jaħdem bil-fjuwil fuq l-art;

l) tagħmel użu jew tkun fil-pussess ta' kwalunkwe apparat li jarmi mewġ elettromanjetiku jew kwalunkwe tip ta' radjazzjoni li tkun manifatturata biex teżamina taħt il-wiċċ tal-art jew li tgħaddi minn ġol-oġġetti.

m) idoqq mużika b'volum għoli;

n) ikollha fil-pusses, tarma, taħraq jew tqabbad kwalunkwe tip ta' materjal pirotekniku, logħob tan-nar jew splussiv ieħor;

o) tinstalla kwalunkwe nassa, xibka, tip ta' konz jew apparat simili li jista' b'xi mod jaqbad jew jagħmel ħsara lil bajd tal-fkieren, il-frieħ jew adulti tal-fkieren;

p) tkala jew ikollha fil-pusses kwalunkwe xibka tal-parit, xkitt jew kull xorta ta' xibka tas-sajd;

q) tneħħi kull tip ta' fdalijiet tal-alka magħmula minn *Posidonia oceanica* jew *Cymodocea nodosa* minn quddiem iż-żona magħluqa mill-Awtorità faċċata tal-baħar għajr bl-idejn jew bl-użu ta' għodda tal-idejn mhux mekkanizzati.

4. Mis-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30 p.m.) ta' kull ġurnata sas-sebgħa u nofs ta' filgħodu (7.30 a.m.) tal-ġurnata ta' wara, ebda persuna m'għandha, fiż-Żona ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni:

e) place or attempt to place any object or material into the area cordoned off by the Authority;

f) allow any animal under his ownership or responsibility to enter or attempt to enter the area cordoned off by the Authority or to otherwise damage the cordoning so installed;

g) remove any litter, waste or article whatsoever from the area cordoned off by the Authority unless by hand;

h) place or attempt to place any object that, at any time between sunrise and sunset, may cast a shadow inside the area cordoned off by the Authority;

i) deposit any litter, unless this is deposited in the litter bins or other litter collection facilities provided for such purpose;

j) drive, manoeuvre or park any vehicle within a distance of 20m from the area cordoned-off by the Authority;

k) utilise fuel powered electricity generators or fuel powered mechanised equipment on land;

l) make use or be in possession of any device capable of emitting electromagnetic waves or any kind of radiation which is purposely manufactured to scan below the surface of the ground or through objects;

m) play loud music;

n) be in possession of, set up, light up or let off any sort of pyrotechnic material, fireworks or explosives;

o) install any trap, net, any type of long-line or similar devices that in any way may catch or harm any turtle egg, turtle hatchling or adult turtle;

p) deploy or be in possession of any gill net; trammel net or fishing net of any sort; or

q) remove any *Posidonia oceanica* or *Cymodocea nodosa* wrack (*alka*) from the seaward side in front of the area cordoned-off by the Authority unless by hand or with the use of hand-held unmechanised tools;

4. From half past six in the evening (6.30 p.m.) of any day until half past seven in the morning (7.30 a.m.) of the following day, no person shall within the emergency conservation area:

a) tipparteċipa fi kwalunkwe attività organizzata li tikkonsisti fi grupp ta' iżjed minn 10 persuni;

b) tipparteċipa fi kwalunkwe attività ta' catering jew barbecues fuq l-art; jew

c) tikkampja jew tipparteċipa fi kwalunkwe attività ta' kkampjar sakemm mhux bl-awtorizzazzjoni tal-Awtorità.

5. Ebda persuna m'għandha fiż-żona fejn japplikaw iktar restrizzjonijiet kif indikat fil-mappa tas-sit fi Skeda I:

a) tipparteċipa fi kwalunkwe attività organizzata li tikkonsisti fi grupp ta' iżjed minn 10 persuni;

b) tipparteċipa fi kwalunkwe attività ta' catering jew barbecues fuq l-art; jew

c) tikkampja jew tipparteċipa fi kwalunkwe attività ta' kkampjar sakemm mhux bl-awtorizzazzjoni tal- Awtorità.

6. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, ebda persuna m'għandha, mill-4 ta' Awwissu, 2023, missitta u nofs ta' filgħaxija (6.30 p.m.) ta' kull ġurnata sas-sebgħa u nofs ta' filgħodu (7.30 a.m.) tal-ġurnata ta' wara u fiż-żona fejn japplikaw iktar restrizzjonijiet kif indikat fil-mappa tas-sit fi Skeda I:

a) tqiegħed, tħalli jew tinstalla kwalunkwe oġġett, jew tipprova tqiegħed, tħalli jew tinstalla kwalunkwe oġġett li jista' b'xi mod ifixkel jew ixekkel il-passaġġ jew għandu l-potenzjal li jfixkel jew ixekkel il-passaġġ tal-frieħ tal-fkieren miż-żona magħluqa mill-Awtorità lejn il-baħar;

b) fil-baħar, tpoġġi jew tqiegħed kwalunkwe oġġett jew installazzjoni jew tipprova tpoġġi jew tqiegħed kwalunkwe oġġett jew installazzjoni li jista' raġonevolment b'xi mod ifixkel jew ixxekkel il-passaġġ jew li raġonevolment għandu l-potenzjal li jfixkel jew ixxekkel il-passaġġ tal-frieħ tal-fkieren lejn il-baħar miftuħ;

c) tħaffer ħofor fir-ramel;

d) tagħmel użu minn jew tkun fil-pussess ta' kull xorta ta' apparat li jitfa' dwal għal skopijiet ta' sajd jew għall-qbid ta' fawna:

Iżda dawn id-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq għandhom japplikaw ukoll fi kwalunkwe ħin f'każ li l-bajd ifaqqsu barra mill -ħinijiet ristretti.

7. Minkejja kwalunkwe awtorizzazzjoni jew permess maħruġ mill-Awtorità jew kwalunkwe awtorizzazzjoni jew permessi maħruġa taħt liġijiet oħrajn, ma jista' jsir l-ebda

a) participate in any organised activity involving a group of more than 10 persons;

b) participate in any catering activity or any barbecue, on land; or

c) camp or participate in any camping activity unless authorised by the Authority.

5. No person shall within the area subject to further restrictions as indicated in the site plan in Schedule I:

a) participate in any organised activity involving a group of more than 10 persons;

b) participate in any catering activity or any barbecue, on land; or

c) camp or participate in any camping activity unless authorised by the Authority.

6. Without prejudice to the above provisions, from the 4th August, 2023, from half past six in the evening (6.30 p.m.) of any day until half past seven in the morning (7.30 a.m.) of the following day, no person shall within the area subject to further restrictions as indicated in the site plan in Schedule I:

a) place, deposit or install any object, or attempt to place, install or deposit any object, that in any way may hinder or has the potential to hinder the safe passage of juvenile turtles from the area cordoned-off by the Authority to the sea;

b) at sea, place or deploy any object or installation or attempt to place or deploy any object or installation, that in any way may reasonably hinder or has the potential to reasonably hinder the safe passage of juvenile turtles towards the open sea;

c) dig any holes in the sand;

d) utilise or be in possession of any sort of lighting device for fishing purposes or the capturing of any fauna:

Provided that the above provisions shall also apply at any time in the event of a hatching episode occurring outside of such restricted times.

7. Notwithstanding any authorisations or permits already afforded by the Authority or any other permits or authorisations issued under any other law, no form of mechanised beach

forma ta' tindif tar-ramel b'mod mekkanizzat jew interventi mekkaniċi fiż-Żona ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni skont Skeda I, sakemm mhux bil-permess mill-Awtorità.

8. Mill-4 ta' Awwissu, 2023 sad-data indikata fil-paragrafu 10, ebda persuna m'għandha fiż-Żona ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni jew fil-viċinanzi taż-Żona ta' Konservazzjoni ta' Emerġenza, mis-sitta u nofs ta' filgħaxija (6.30 p.m.) ta' kull ġurnata sas-sebgħa u nofs ta' filgħodu (7.30 a.m.) tal-ġurnata ta' wara, tiġġenera dawl jekk mhux mgħotti b'tali mod li ma jkunx viżibbli b'mod dirett miż-żona magħluqa mill-Awtorità jew jekk id-dawl mhux mgħotti b'filtru kkulurit aħmar:

Iżda din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għad-dawl tan-navigazzjoni obbligatorju użat mill-bastimenti.

9. Ebda persuna ma tista' fiż-Żona ta' Konservazzjoni ta' Emerġenza jew fil-viċinanzi taż-Żona ta' Konservazzjoni ta' Emerġenza tiġġenera storbju jew vibrazzjonijiet eċċessivi.

10. Din l-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni hija valida mid-data tal-pubblikazzjoni sat-3 ta' Settembru, 2023, u hija mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali (L.S. 549.44) u tar-Regolamenti dwar il-Ħarsien tar-Rettili (L.S. 549.02).

11. (1) Il-Protezzjoni mogħtija liż-Żona ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni għandu jkollha l-istess effett daqs dik mogħtija lis-siti li jidħlu taħt il-kappa tan-Network Ekoloġiku Nazzjonali u Siti Speċjali ta' Konservazzjoni ai termini tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali (L.S. 549.44).

(2) Il-provvedimenti inklużi fl-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni huma:

(i) ikkunsidrati bħala miżuri ta' konservazzjoni li jindirizzaw l-objettivi globali ta' konservazzjoni bl-għan li jipproteġu l-fekruna tal-baħar, *Caretta caretta,* u l-bejta tagħha; u

(ii) meħtieġa sabiex dan is-sit protett jiġi mħares skont il-provvedimenti tar-regolamenti 14 u 19 tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali (L.S. 549.44).

12. Kwalunkwe persuna li taġixxi bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' din l-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni tkun punibbli skont l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549).

Is-7 ta' Lulju, 2023

cleaning activity or mechanical interventions shall occur within the Emergency Conservation Area designated under Schedule I, unless duly permitted by the Authority.

8. From 4th August, 2023 until the date indicated in paragraph 10, no person shall within the Emergency Conservation Area or in the vicinity of the Emergency Conservation Area, from half past six in the evening (6.30 p.m.) of any day until half past seven in the morning (7.30 a.m.) of the following day, generate any light unless screened in such a way as not to be directly visible from the area cordoned-off by the Authority or such light covered with a red coloured filter:

Provided that this provision shall not apply to compulsory navigational lights of seagoing vessels.

9. No person shall within the Emergency Conservation Area or in the vicinity of the Emergency Conservation Area generate any excessive noise or vibrations.

10. This Emergency Conservation Order shall be valid from the date of issue up to the 3rd September, 2023, and shall be without prejudice to the Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations (S.L. 549.44) and the Reptile (Protection) Regulations (S.L. 549.02).

11. (1) The protection allocated to the Emergency Conservation Area has the same effect as the inclusion of the area in the National Ecological Network and Special Areas of Conservation in terms of the Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations (S.L. 549.44).

(2) The provisions included in this Emergency Conservation Order are:

(i) considered as conservation measures addressing the overall conservation objective aimed at protecting the loggerhead turtle, *Caretta caretta*, in its nesting site; and

(ii) required for such protected site in line with the requirements of regulations 14 and 19 of the Flora, Fauna and Natural Habitats Protection Regulations (S.L. 549.44).

12. Any person who acts in contravention of any provision of this Emergency Conservation Order shall be punishable in accordance with the Environment Protection Act (Cap. 549).

7th July, 2023

Ordni ta' Emerġenża għall-Konservazzjoni - Il-Ġnejna u l-Inħawi tal-Madwar



ERA
Environment & Resources Authority
Hexagon House, Spencer Hill, Marsa, MRS 1441, Malta
T | +356 2292 3500 W | era.org.mt

Key

Żona fejn tapplika L-Ordni ta' Emergenża għall-Konservazzjoni

Żona fejn japplikaw iktar restrizzjonijiet



Bounding Co-ordinates of Map (UTM / Metres):

Min E 440,009; N 3,976,369
Max E 441,089; N 3,975,424

Published by the Environment & Resources Authority ©

SintegraM Basemap, 2018, Developing Spatial Data Integration for the Maltese Islands, Planning Authority

Nru. 932

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAŻ-ŻABBAR

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fl-isqaqien imsemmija f'Ħaż-Żabbar, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 932

NUMBERING OF DOORS AT ĦAŻ-ŻABBAR

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned alleys at Ħaż-Żabbar, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
ĦAŻ-ŻABBAR

TRIQ BAJADA, SQAQ NRU. 1
TRIQ BAJADA, SQAQ NRU. 2
TRIQ BAJADA, SQAQ NRU. 4
TRIQ BAJADA, SQAQ NRU. 5

TRIQ BAJADA, SQAQ NRU. 1

Meta tidħol minn Triq Bajada
Entering from Triq Bajada

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru	1
2	2
3	3
5, Ir-Razzett ta' Siru	4
Bieb bla numru	5

TRIQ BAJADA, SQAQ NRU. 2

Meta tidħol minn Triq Bajada
Entering from Triq Bajada

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru	1
143	2
144	3

TRIQ BAJADA, SQAQ NRU. 4

Meta tidħol minn Triq Bajada
Entering from Triq Bajada

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
139	1
137	2

TRIQ BAJADA, SQAQ NRU. 5

Meta tidħol minn Triq Bajada
Entering from Triq Bajada

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
1, Luca	1
2	2
3, Il-Fanal	3
4	4
Bieb bla numru	5

Is-7 ta' Lulju, 2023

Nru. 933

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-FGURA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 530 tas-16 ta' Lulju, 1999, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Fgura', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

7th July, 2023

No. 933

NUMBERING OF DOORS AT IL-FGURA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 530 dated 16th July, 1999, under the title 'Renumbering of doors at Il-Fgura', the following amendments in **bold** should be made.

IL-FGURA

22. TRIQ LOUIS SCHICKLUNA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Sant'Antnin
Left side entering from Triq Sant'Antnin

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	11
Garaxx	13
Garaxx	15

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	11
Sweet Dream	**13**
Garaxx	15

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Poppy	27
Rayrit	29

għandha tinqara
should read

